**Waqt li qed nistenna**

Qiegħed hawn, waħdi, f'dan l-ajruport daqshiex
Inħares l'hawn u l'hemm, ma nagħraf lil ħadd,
Inħossni ferħan għax qiegħed f'familja
Li tibqa' miegħi, ma tittradini qatt.

Ilsien Ġermaniz mal-Ingliz imgħajjat
F'daqqa waħda kif inkiser dan is-skiet,
Issa kulhadd erħilu wisq jifthilha
Is-skiet ta' qabel irmied ta' tifkiriet.

Imma hawn hi l-ħajja li bilfors trid tkompli
Minkejja dan l-istorbju w l-frattarija,
Għax il-gemgħa erħilha tiċċelebra
Waqt mill-isbaħ, 'il bogħod minn kull tbatija.

Ha jigi mela l-ħin halli nitilgħu
Fuq l-ajruplan li se jdewwaqna l-benna,
Ta' ġrajja ohra sabiħa f'ħajjitna
Dan li qed naħseb waqt li qed nistenna.

Fis-skiet, hemm warajna qed jittawlulna
Hemm l-ajruplan, lesti biex itiru,
Qishom qed ifakkruna li xi darba
Trab u rnied xi darba lkoll għad insiru.

Ħa jiġi mela l-ħin halli nitilgħu
Fuq l-ajruplan li se jdewwaqna l-benna,
Ta' ġrajja ohra sabiħa f'ħajjitna
Dan li qed naħseb waqt li qed nistenna.

Patri Mario Attard OFM Cap
27 ta' Settembru 2024

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen